

32005D0798

L 301/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

18.11.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**ta' l-14 ta' Novembru 2005****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ ta' l-inbid**

(2005/798/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

dettalja biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar il-kummerċ ma' terzi pajjiżi ta' prodotti fis-settur ta' l-inbid ⁽²⁾ favur inbejjed li joriġinaw mill-Istati Uniti.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Nhar it-23 ta' Ottubru 2000 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim dwar il-kummerċ ta' l-inbid bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(2) In-negozjati ġew konklużi u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-kummerċ ta' l-inbid, kif ukoll Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ ta' l-inbid ġie inizjalat miż-żewġ Partijiet fl-14 ta' Settembru 2005.

(3) Ċerti derogi mir-regoli Komunitarji relatati mal-prattiki tal-produzzjoni ta' l-inbid u ċerti Prattiki ta' ċertifikazzjoni huma previsti b'mod partikolari fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1037/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jawtorizza l-offerta u l-fornitura għall-konsum uman dirett ta' ċerti nbejjed importati li jstgħu jkunu għaddew minn proċessi enoloġiċi mhux provduti fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 ⁽¹⁾ u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jippreskrivi regoli

(4) Id-derogi ser jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2005. L-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim dwar il-kummerċ ta' l-inbid ser ikompli jitrattaw l-inbejjed li joriġinaw mill-Istati Uniti bl-istess mod iżda, skond l-Artikolu 17(2) ta' dak il-Ftehim, dawn id-dispożizzjonijiet ser japplikaw biss mill-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara li tiġi rċevuta n-notifika bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 6(3) ta' dak il-Ftehim.

(5) Kien għalhekk neċessarju li jiġi nnegozjat Ftehim separat fil-forma ta' Skambju ta' Ittri biex ikopri l-perijodu mill-31 ta' Diċembru 2005 sad-data ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim dwar il-kummerċ ta' l-inbid.

(6) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu għalhekk jiġi approvat.

(7) Sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu, b'mod konformi mal-proċedura stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ⁽³⁾, inkluża kwalunkwe estensjoni meħtieġa tad-deroga prevista fir-Regolament (KE) Nru 1037/2001,

⁽¹⁾ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 12. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2324/2003 (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 24).

⁽²⁾ ĠU L 128, 10.5.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 908/2004 (ĠU L 163, 30.4.2004, p. 56).

⁽³⁾ ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1428/2004 (ĠU L 263, 10.8.2004, p. 7).

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ ta' l-inbid (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") huwa bil-preżenti approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa bil-preżenti awtorizzat jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Komunità.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni hija bil-preżenti awtorizzata tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'mod konformi mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 75(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, inkluża kwalunkwe estensjoni meħtieġa tad-deroga prevista fir-Regolament (KE) Nru 1037/2001.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Novembru 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

T. JOWELL